MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru. 155/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
(Spettur Stephen Mallia)

vs

Romeo Bone

Illum 23 ta’ Gunju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Romeo Bone ta’ 32 sena, iben Joseph u Anna nee` Zarb, imwieled Pieta` fit-28 ta’ Marzu, 1976 u residenti 13, Triq Pietro Floriani, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 195376M.

Akkuzat talli bejn is-27 u id-29 ta’ Awissu, 2005, minn The Scout Shop, formanti parti minn The Scouts’ Island Headquarters fi Triq L-Argotti, Floriana:

1. Ikkommetta serq ta’ ghadd ta’ oggetti, fosthom camping equipment, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin(€2329.37), bil-mezz u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta’ Charles Grixti u/jew ta’ persuni ohra;

2. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (€1,164.69), imma izjed minn hamsin lira Maltin (€116.50), ai termini ta’ l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta’ Charles Grixti u/jew ta’ persuni ohra;

3. U aktar, talli fis-16 ta’ Frar, 2007, ghall-habta tas-6pm, u/jew qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer xejntament, laqa` ghandu jew xtara hewjjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentament, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. Finalment, akkuzat talli huwa recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli:

a) 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, u 281 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
b) 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
c) 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
d) 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
e) 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat il-provi.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ serq aggravat, hsara volontarja, u ricettazzjoni; l-imputat gie akkuzat ukoll li huwa recidiv.

Illi l-fatti saljenti u l-aktar relevanti ghal dawn il-proceduri jistghu jigu riassunti kif gej.

Illi bejn l-12.00 (nofsinhar) tas-Sibt 27 ta’ Awissu 2005 u s-6.00pm tad-29 ta’ Awissu 2005 insterqu xi affarijiet mill-hanut maghruf b’l-isem *The Scouts Shop* fi Triq l-Argotti Floriana. Minn dan il-hanut, li huwa gestiet mill-*iscouts association*, jinbieghu, fost affarijiet ohra, oggetti relatati mad-delizju tal-kampegg tal-marka *Gelert* li l-unici agenti taghhom hawn Malta huma propju l-*iscouts*, kif ukoll affarijiet li ghandhom il-*logo* ta’l-*iscouts*. Is-serq sar permezz ta’ sgass ta’ tieqa ta’ l-istess hanut liema sgass ikkaguna hsarat f’l-istess tieqa. Dwar dan l-kaz saret inkjesta li l-atti taghha huma esebieti f’l-atti odjerni.

Illi fil-11 ta’ Frar 2007 l-imputat gie arrestat u interrogat in konnessjoni ma kaz iehor, kompletament estraneju ghal kaz in ezami. Fil-kors ta’ dik l-investigazzjoni l-pulizija ghamlet tfixxija fir-residenza ta’l-imputat. Hemm gew notati xi affarijiet li kellhom il-*logo* ta’l-*iscouts.* Dawn qanqlu xi suspetti, u mistoqsi hekk kellux xi konnessjoni ma’l-*iscouts* l-imputat irrisponda le. Dak in-nhar il-pulizija elevat diversi oggetti inkluz dawk li kellhom il-*logo* ta’l-*iscouts*.

Illi nhar is-16 ta’ Frar 2007 il-pulizija ghamlet tfixxija ohra f’fond agjacenti ghad-dar ta’ residenza ta’l-imputat u ta’ liema fond huwa kellu l-kontroll effettiv. Hemm instabu

diversi oggetti inkluz diversi oggetti relatati mad-delizju tal-kampegg. Dawn l-oggetti gew elevati ukoll.

Illi Charles Grixti, l-persuna li hija responsabbli ghal, u tigestixxi *The Scouts Shop* gharaf hafna mill-oggetti elevati bhala dawk li kienu nsterqu mill-hanut imsemmi.

Illi l-imputat gie msejjah mill-pulizija biex jirilaxxja stqarrija tlett darbiet; huwa cahad l-involviment tieghu f'din is-serqa.

Illi waqt li kienu ghaddejjin l-proceduri odjerni u precizament fil-31 ta' Ottubru 2007 certu Robert Sciberras mar minn jeddu d-*depot* tal-Pulizija u kkonsenja lill-pulizija xi oggetti relatati mad-delizju tal-kampegg u qal li dawn l-oggetti kien taghhomlu l-imputat xi zmien qabel biex izommhomlu. Irrizulta li dan Robert Sciberras ghandu relazzjoni ma' omm il-mara ta'l-imputat u dak in-nhar li huwa mar ghand il-pulizija kellhom xi jghidu. Irrizulta wkoll li Charles Grixti identifika uhud minn dawn l-oggetti bhala uhud minn dawk li kienu nsterqu minn *The Scout Shop*.

Illi x-hiedha prodotti kienu fil-bicca l-kbira taghhom ufficjali tal-pulizija li spjegaw l-investigazzjonijet li saru u r-rizultanzi relattivi. Xehed ukoll diversi drabi Charles Grixti biex jispjega kif sar jaf bis-serqa, x'oggetti nsterqu u liema mill-oggetti li gew elevati minghand l-imputat kienu nsterqu mill-hanut. Xehedu ukoll l-imputat, martu, certu Suzanne Zammit u Robert Sciberras.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha mill-ewwel tirrileva li x-xhieda ta'l-imputat u ta' martu assolutament m'humiex kredibbli u hemm diversi inkonsistenzi f'dak li qalu.

Illi f'-ewwel lok u l-aktar haga lampanti kemm fid-depozizzjoni ta'l-imputat kif ukoll dik ta' martu Sabrina Bone hija kull referenza ghal John Patrick Said.

Illi l-imputat rrakkonta li dawk oggetti li nsterqu minn *The Scout Shop* gew fil-pussess tieghu wara li kien xtrarhom minghand certu John Patrick Said. Huwa pero f'tentattiv biex jikkonvinci lill-Qorti b'dan holoq storja shiha dwar il-

kuntatti li huwa kellu ma’ dan John Patrick Said fuq medda ta’ftit xhur mix-xitwa tas-sena 2006 sa l-ahhar tas-sajf ta’ dik l-istess sena 2006. L-imputat dahal f’certu dettal ta kif kienu jiltaqaw ghand l-ADT u l-Mghatab u hemm bdew jiddiskutu bejgh ta’ *van*; irrakkonta ukoll kif incidentalment iltaqaw il-Gnejna meta Said suppost offrielu bejgh ta’ xi affarijiet relatati mal-kampegg; kif iltaqaw l-ghada Hal-Qormi u marru f’ghalqa li mal-kancell taghha kien hemm sistema ta’ CCTV u kif f’dik l-ghalqa xtara l-oggetti mertu ta’ dawn il-proceduri. Irrakonta wkoll kif kien dan John Patrick Said li f’l-ahhar tas-sajf 2006 tah il-kopja tal-karta ta’ identita tieghu li hija esebieta mill-istess imputat (Dok RB1 a fol 156) biex ikunu jistaw jiffinalizzaw it-transfer tal-*van*. Ta’ min jirrileva li l-imputat semma d-dati relattivi diversi drabi fid-depozizzjoni tieghu u anke in kontroezami.

Illi mart l-imputat Sabrina Bone pruvat tikkorobora in parti dak li qal zewgha billi qalet li meta kienu qeghdin *camping* il-Gnejna f’Settembru 2006 gie ragel li hi ma kenitx taf u tkellem ma’ zewgha u li l-ghada zewgha mar jiltaqa ma dan ir-ragel u gab l-oggetti in kwistjoni. Ghalkemm hi ma kenitx tafu lil dan ir-ragel li hija rat ghall-ewwel darba f’Settembru 2006 hija qalet li hu kien l-istess persuna li tidher fir-ritratt tal-karta ta’l-identita u cioe John Patrick Said.

Illi pero sussegwentment, u minn provi prodotti mill-prosekuzzjoni, irrizulta li dan John Patrick Said, li verament kellu ghalqa Hal-Qormi u verament kellu negozju ta’l-iskips, kien ilu mejjet minn Novembru 2005.

Illi rrizulta ukoll li mal-mewt tieghu f’Novembru 2005 in-negozju ta’ John Patrick Said, b’l-assi kollha tieghu inkluz l-ghalqa u l-*vans*, ghadda f’idejn Suzanne Zammit (li xehedet f’din il-kawza u li kellha relazzjoni fit-tul ma John Patrick Said) u li ghall-habta tal-Milied 2006 kienu nsterqu diversi dokumenti minn vettura taghha inkluz dokumenti relatati mas-successjoni ta’ John Patrick Said u b’mod partikolari kopja tal-karta ta’l-identita ta’ l-istess. Suzanne Zammit qalet ukoll li fil-waqt li huwa minnu li mal-kancell ta’l-ghalqa illum hemm sistema ta’ CCTV din kienet

istallata hi stess fil-bidu tas-sena 2007 (tmien xhur qabel ma tat id-depozizzjoni taghha).

Illi ghalhekk dak kollu li qalu l-imputat u martu dwar dan John Patrick Said, l-inkontri ta' bejnithom u kif gew akkwistati l-oggetti li fattwalment kien nsterqu minn *The Scouts Shop*, kif ukoll l-fatt li l-imputat akkwista kopja tal-karta ta'l-identita ta' John Patrick Said minghandu stess jirrizulta li huwa inveritjier.

Illi l-imputat prova jikkonvinci lill-Qorti ukoll li l-affarijiet li allegatament xtara minn ghand John Patrick Said (inkluz xi *sleeping bags*) kienu qeghdin mitluqin f'ghalqa, kienu mahmugin bil-hammrija u anke mgerrmin. Huwa pero qabel spjega li kellu bzonn jixtri *sleeping bags* ghax kien halla zewg *sleeping bags* f'garaxx ta' habib tieghu ghal "xi xahar" u ma regax hadhom lura ghax meta mar ghalihom "m'ghogbuhx" ghax il-kamra fiha hafna umdita u ma hassx li seta' jraqqad lit-tfal tieghu fihom. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat, li ma hax lura zewg *sleeping bags* tieghu stess minghand habib ghax ghamlu xahar f'kamra umda u ma hassx li kienu adegwati ghal uliedu, pero xtara *camping equipment* mahmug (inkluz *sleeping bags* li kienu ser juzaw l-istess uliedu) li kien mitluq f'ghalqa u li ftit minnhu kien addirittura mgiddem.

Illi meta l-imputat spjega ghaliex wasal biex halla z-zewg *sleeping bags* ghand il-habib tieghu huwa qal li kienu qeghdin *camping* (l-imputat il-familja tieghu u xi hbieb) ma kellhux post fil-karozza u ghabbiehomlu il-habib tieghu Ludwig. Pero mart l-imputat meta xehedet qalet li hi ma tafx li Ludwig kellu xi *sleeping bags* taghhom. Skond hi Ludwig kellu biss xi zewg saqqijiet tal-*foam* u ghax talabhomlhom hu stess.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li diversi oggetti misruqa mill-hanut ta'l-Scouts Association instabu fil-pussess ta'l-imputat u li skond l-istess imputat ilhom ghandu minn almenu Settembru 2006.

Illi l-imputat xehed biex jispjega kif dawn l-oggetti gew fil-pussess tieghu pero l-verzjoni ta' fatti kif rakkontata mill-imputat rrizultat inveritjiera.

Illi huwa principju ormai ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li t-teorija ingliza dwar *unlawful possession of recently stolen goods* issib applikazzjoni ukoll fis-sistema legali taghna. L-insenjamant tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Emanuel Seisun et (26.08.1998) hu li din it-teorija m'hi xejn hlif applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu pruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq ta'l-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Illi fil-fatt f'din l-istess sentenza hemm citat Archbold[1]:

*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly mishandling the goods, knowing or believing them to have been stolen……. **Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue*** (sottolinear tal-Qorti).

*Every case depends on its own facts… it would be impossible to compile a definitive list of the circumstances which might be relevant. They will include however … the type of stolen property…the circumstances of defendant ……anything said by the defendant and how it fits in or does not fit in with other available evidence.*

[1] Criminal Pleading, Evidence and Practice (1997 para 21-125, 21-126)

Illi dan l-insenjament huwa konfermat f'diversi sentenzi sussegwenti tal-Qorti[2].

Illi fl-gurisprudenza taghna gie anke stabbilit li biex wiehed jiddeciedi jekk imputat kienx genwinament jemmen li l-oggetti misjuba ghandu ma kenux gejjin minn origini kriminuza rrid jezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz, pero l-ezami jibqa wiehed soggettiv[3].

Illi minn ezami tal-provi prodotti, l-inkonsistenzi fil-provi prodotti mid-difieza, in-natura inveritjiera tad-depozizzjoni ta'l-imputat u b'mod partikolari l-ispjega li ta dwar kif akkwista l-oggetti misruqa, din il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat huwa hati ta ricetazzjoni izda mhux ta' serq u hsara volontarja.

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll li huwa recidiv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti jirrizulta li ai fini ta' din l-imputazzjoni l-provi prodotti huma zewg sentenzi, wahda datata 25 ta' Frar 2000 (Dok NC1 a fol 101) u l-ohra datata 15 ta' Settembru 2000 (Dok DC1 a fol 119). Permezz ta'l-ewwel sentenza l-imputat instab hati ta' serq u gie ikkundannat multa ta' Lm500; permezz tat-tieni sentenza huwa gie misjub hati ta' diversi imputazzjonijiet (mhux ta' serq pero) u gie ikkundannat prigunerija ghal perjodu ta' tlettax il-xahar.

Illi ghalkemm is-serq ta' l-oggetti li gew misjuba ghand l-imputat sehh f'Awissu tas-sena 2005 (u cioe entro il-hames snin mid-data tas-sentenza mghotija fil-15 ta' Settembru 2000) fil-proceduri odjerni l-imputat ma giex misjub hati tas-serq imma ta' ricettazzjoni u ma giex pruvat jekk l-oggetti misruqa gewx fil-pussess ta'l-imputat qabel il-15 ta' Settembru 2005.

---

[2] Ref  Pulizija vs Richard Spiteri (AK 31.08.2006); Pulizija vs Antoine Cassar (AK 16.11.2006); Pulizija va Maatoug Amor Ben Mohammed (AK 11.05.2007)
[3] Ref Pulizija vs Martin Galea (AK 30.07.2004); Pulizija vs Antoine Cassar (AK 16.11.2006)

Illi ghalhekk tirrizulta pruvata l-imputazzjoni ta’ recidiva ai termini ta’l-artikolu 49 tal-Kap 9 biss u mhux taht l-artikoli 50 u 289 ukoll.

Illi dwar l-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-oggetti li nstabu fil-pussess ta’l-imputat gew akkwistati b’serq li mill-atti jirrizulta li huwa kwalifikat bil-mezz (ksur tat-tieqa, u l-hadid, tal-hanut) u l-valur ta’ mhux aktar minn €2329.37 (ghaliex il-Qorti tista tqis biss il-valur ta’l-oggetti misjuba ghand l-imputat u mhux tar-res furtiva kollha) pero mhux bil-hin (mill-atti ma giex stabbilit x’hin gie kommess is-serq).

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ghal perjodu ta’ hdax il-xahar.

In oltre l-Qorti, peress li jirrizulta li x-xhiedha mghotija mill-imputat hija inveritjiera, tordna li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, flimkien ma’ kopja tat-traskrizzjoni ta’ Suzanne Zammit u d-dokument esebiet bhala Dok RB1 (a fol 156) tal-process kif ukoll kopja ta’ din is-sentenza jintbghatu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------